MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 770/1994/10

**Qorti Civili Sezzjoni Familja**

**Onor. Imhallef Noel Cuschieri LL.D., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 06 ta’ Ottubru 2009**

Citazzjoni Nru.  770 / 94/10 NC

Kawza fil-lista:  23

**A B, mart D E,**

**f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri C**
**kif nominata permezz ta' digriet tad-9 ta' Gunju 1994**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Ottubru 1989 (Dok. A);

Peress illi minhabba sevizzi, minacci, theddid u ingurji gravi dapparti tal-konvenut zewgha l-hajja konjugali bejniethom saret impossibli;

Peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali b' digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju 1993 (Digriet Nru. 731/93) (Dok. B);

Peress illi miz-zwieg taghhom il-kontendenti kellhm tifla C li llum ghandha sena u nofs (Dok. C);

Peress illi l-konvenut m' huwiex qed jghaddi manteniment adegwat skond il-ligi lill-attrici ghaliha u ghal bintha minuri;

Peress illi l-attrici trid ukoll li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tigi xjolta u likwidata;

Peress illi inoltre l-attrici ghandha dritt ghar-restituzzjoni tal-beni parafernali u dotali taghha;

Peress illi fid-19 ta' Jannar 1994 l-attrici assumiet kunjom xbubitha bhala kunjomha a tenur tal-att tas-sena 1993 li jemenda l-Kodici Civili (Emenda Nru. 2) (Dok. D);

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tafda f' idejn l-attrici l-kura u kustodja legali ta' binthom minuri C E;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici proprio et nomine manteniment xieraq skond il-ligi bil-modalita ta' jum, hin u lok li jigu wkoll iffissati;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f' zewg porzjonijiet b' mod li jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 (1) (c) tal-Kodici Civili;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-disposizzjonijiet l-ohra tal-artikolu 48 u 50 tal-Kodici Civili;

6. Tikkundanna l-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni parafernali taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali m' hijix opposta b' dan pero' illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti;

2. It-tieni talba hija opposta billi l-imsemmija attrici ma hijix il-persuna adatta biex tiehu hsieb it-tifla minuri mal-kontendenti sew ghaliex il-hinijiet tax-xoghol taghha ma jippermettilhiex illi tiehu hsieb tat-tifla u kif ukoll ghaliex l-attrici matul l-ahhar sena ta' firda uzat lit-tifla bhala forma ta' pressjoni kontra l-eccipjent.

3. Illi t-tielet talba hija opposta billi l-attrici hija kapaci tipprovdi ghall-manteniment taghha peress illi tahdem u di piu’ hija tinsab fi grad illi tipprovdi ghall-bzonnijiet tal-minuri.

4. Illi ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-attrici fil-hames talba taghha.

5. Illi l-eccipjent ma jopponix ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-konjugi E b’ dan pero’ illi t-talba tal-attrici ghad-divizjoni tal-assi formanti l-istess komunjoni ma hiex legalment sostenibbli.

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant, u li tinsab a fols.20C sa 20F tal-process [Appendici A] ;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-attrici rikonvenzjonata, u li tinsab a fols.21 sa 22 tal-process [Appendici B] ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, l-affidavits prezentati, u rapporti prezentati mid-diversi esperti nominati ;

Rat li, permezz tal-verbal moghti fl-udjenza tal-9 ta’ Gunju 2009, il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar il-kura u kustodja tal-minuri, u l-access relattiv; kif ukoll sabiex fl-istess sentenza din il-Qorti tipprovdi dwar ir-rikors prezentat mill-attrici fit-3 ta’ April 2009 rigwardanti r-rilokazzjoni tal-minuri lejn l-Awstralja ;

Semghet xhieda bil-gurament;

Semghet[1] lill-minuri kameralment fis-26 ta’ Lulju 2006, fit-2 ta’ Jannar 2007, u wkoll fil-21 ta’ Lulju 2009 fejn li-minuri tat il-kunsens taghha sabiex fil-gudizzju odjern, jigi rappurtat, in toto jew in parte, fid-diskrezjoni ta’ din il-Qorti,

[1] Il-Qorti kif prezentament preseduta

dak li hija qalet lill-Imhallef sottoskritt fil-kollokwi li hija kellha mieghu ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghat-talba maghmula mill-partijiet ghal kura u kustodja ta' binthom C li twieldet fit-fit-2 ta' Novembru 1992[2], u li, ghalhekk, illum ghadha minorenni u ghandha kwazi sbatax [17]-il sena.

Illi permezz ta' rikors prezentat mill-attrici fit-3 ta' April 2009, dina talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tirritorna lura lejn l-Awstralja bit-tifla sabiex din tkun tista' ssegwi kors ta' erba snin hemmhekk ;

Illi l-provi relevanti huma s-segwenti.

**Il-Fatti**
Illi l-partijiet izzewgu fl-Awstralja fit-30 ta' Ottubru 1989 ; sussegwentement ghamlu xi zmien joqghodu l-Italja minhabba borza ta' studju li kien ha l-konvenut, izda eventwalment huma gew Malta fejn ghandhom id-dar konjugali.

Fit-2 ta' Novembru 1992 twieldet f' Malta t-tifla C.

Illi jidher li, mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali taghhom il-partijiet kellhom kwistjonijiet li ma kienux kapaci jsolvu, bir-rizultat li, wara konvivenza qasira izda turbulenti, il-partijiet isseparaw de facto defenittivament fit-22 ta' Novembru 1993 ; u, sussegwentement, l-attrici, ottjeniet id-divorzju[3] mill-Qorti Awtraljana b' effett mis-17 ta' Settembru 1995 ; f' liema digriet ma gie provdut xejn dwar id-drittijiet u l-obbligi ancillari, inkluzi dawk relattivi ghal kura u kustodja tat-tifla minuri. Fl-10 ta' Ottubru 2007 l-attrici pprezentat kopja ta' ittra datata 3 ta' Ottubru 2003,

[2] Att tat-Twelid – Vol.1 fol.11
[3] Vol.2 – fol.235

mibghuta lilha mis-Segretarju tat-"Tribunal of the Catholic Church, Victoria and Tasmania" li permezz taghha hija giet informata li t-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg kienet giet milqugha.[4]

Illi l-kura u kustodja tat-tifla C, kien il-meritu ta' kontestazzjoni akkanita, akrimonuza u twila bejn il-partijiet, partikolarment meta l-attrici bdiet turi l-intenzjoni taghha li tiehu lit-tifla tghix maghha fl-Awstralja, liema fatt kien u ghadu kontestat bl-ahrax mill-konvenut.

Illi ghall-ahjar intendiment tal-vertenza in dizamina, il-Qorti ser taghti profil konologiku tal-fatti relevanti kif rrizultaw mill-provi ; u dan tenut kont ukoll tal-fatt li fi stadju partikolari tal-kawza, kien hemm bidla radikali fix-xewqat tal-minuri kif espressi minnha.

Illi permezz ta' digriet[5] moghti fil-25 ta' Gunju 1993, l-Onorabbli Qorti tas-Sekond Awla Civili, fuq talba ta' l-attrici, kienet affdat lilha l-kura u kustodja tat-tifla, li dak iz-zmien kellha anqas minn sena, filwaqt li stabbiliet il-modalita' ta' l-access favur il-konvenut. L-istess qorti kienet ordnat li l-minuri ma tittiehidx barra minn Malta jekk mhux akkompanjata miz-zewg genitrui jew b' awtorita' tal-Qorti.

Illi permezz ta' digriet[6] moghti fl-20 ta' Dicembru 1993, dik l-istess qorti, kienet laqghet it-talba tal-konvenut sabiex "tiffissa granet u hinijiet ta' access adegwati" ghat-tifla, favur tieghu.

Illi pero', nonostante l-intervent tal-Qorti bl-imsemmija digrieti, l-aspett tal-kura u kustodja, u l-modalita' ta' l-access, baqa' fonti jbaqbaq bi kwistjonijiet rikorrenti bejn il-partijiet, tant li it-tnejn kienu lmentaw mat-Taqsima ghall-Harsien tat-Tfal li t-tifla kienet qeda "tigi abbuzata emozzjonalment mill-parti l-ohra."[7] Rizultat ta' dan, il-Qorti nnominat bhala espert li Psikologu Dottor Victor Shields li

[4] Vol.8 fol.1803
[5] Vol.1 fol.9
[6] Vol.3 fol.256
[7] Ittra Eugenio Galea ko-ordinatur ta' l-imsemmija taqsima – Vol.3 fol.275

fir-rapport[8] mahluf minnu fit-8 ta' April 1997 osserva, inter alia, li "I noticed that in the company of her mother, A B, C is calm, relaxed and playful and acts in quite a normal manner for a child of her age" filwaqt li osserva li "He [il-konvenut] is inclined to put undue psychological pressure on his infant daughter in various little ways..." Jirrimarka wkoll dwar l-effett negattiv fuq it-tifla "if the present acrimonious dispute over her custodial care between her natural parents does not ease off." F' dan iz-zmien it-tifla kellha kwazi hames [5] snin.[9]

Illi f' rapport prezentat mis-Social Workers Yvonne Mallia u Wayne Caruana[10], fis-19 ta' Jannar 1998, dawn l-esperti kkonkludew li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa' fdata f' idejn ommha, l-attrici, filwaqt li stabbilew modalita' ta' access favur il-missier. Dawn l-esperti kkonkludew ukoll li "[5] Ghandu jigi evitat kull tip ta' kuntatt bejn il-genituri fil-prezenza tat-tifla." kif ukoll li, l-omm ghandha tircevi counselling, filwaqt li l-missier ghandu jircevi "psiko-terapija minhabba l-problemi emozzjonali u emottivi tieghu."

Il-Qorti b' digriet[11] moghti fl-udjenza tat-23 ta' Gunju 1998, ordnat, fid-dawl ta' l-imsemmi rapport, li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' f' idejn l-attrici, iffissat il-modalita' ta' l-access ghal missier u hasset li kellha tordna "li meta tingabar u tigi ritornata t-tifla, il-partijiet ma jitkellmux bejniethom hlief f' kaz ta' bzonn assolut li jkun jirrigwarda xi haga urgenti u mmedjata dwar it-tifla."

Sussegwentement, u in konformita' mal-kontenut ta' l-imsemmi digriet, il-partijietipprezentaw rapporti ex parte indikanti l-progress taghhom fil-counselling/terapija li huma kienu qed jiehdu f' dak iz-zmien.

Illi permezz ta' rikors prezentat fit-22 ta' Ottubru 1998, l-attrici talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex issiefer mat-

[8] Fol.313 *et seq.*
[9] Il-konvenut kien talab in-nomina ta' periti perizjuri
[10] Nominati esperti fis-19 ta' Settembru 1997 biex jirraportaw bil-miktub dwar l-interess tal-minri C E ghal dak li jirrigwarda kura u kustodja u access – Vol.3 fol.370 *et seq.*
[11] Vol.3 fols.387 – 388

tifla lejn l-Olanda ghal perijodu ta' circa tlett xhur minhabba opportunita' li kellha biex tavvanza fix-xoghol taghha ta' hairdressing; liema talba giet michuda.[12]

Illi b' digriet[13] moghti fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 1998, din il-Qorti pprovdiet li "sakemm l-attrici tkun Malta, il-kura u kustodja tat-tifla tkun f' idejha" u ffissat il-modalita' ta' l-access ghall-konvenut; izda "ghall-perijodu ta' meta l-attrici tkun imsiefra fit-tul, it-tifla ghandha tkun fil-kura u kustodja ta' Antoinette Bonello, oht il-konvenut" filwaqt li dan ikollu access liberu; izda meta l-attrici tigi Malta, anke ghall-perijodu qasir, l-kura u kustodja tat-tifla terga' tirriverti ghandha.

Jidher li f' Novembru 1998 l-attrici kienet telqet minn Malta minghajr it-tifla.

Sussegwentement fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 1999, wara li l-Qorti semghet lill-partijiet u l-minuri, tat digriet li permezz tieghu l-imsemmija Antoinette Bonello nghatat diskrezzjoni li tibghat lit-tifla torqod ghand il-missier, anke matul il-gimgha, filwaqt li nkarigat lill-imsemmija social worker Yvonne Mallia sabiex issegwi "attivament" lill-minuri b' mod partikolari biex tara s-sleepover fid-dar tal-konvenut "hux qed ikun ta' hsara psikologika jew xorta ohra" lit-tifla.[14]

Illi permezz ta' digriet ulterjuri moghti fil-15 ta' Marzu 1999, din il-Qorti, fuq rikors ta' Antoinette u Marcel, konjugi Bonello, u wara li semghet il-partijiet kollha koncernati [hlief il-minuri], varjat id-digrieti tas-6 ta' Novembru 1998 u tal-11 ta' Jannar 1999, fis-sens li ordnat li ghall-perijodu ta' meta l-attrici tkun imsiefra fit-tul, it-tifla qed tigi fdata fil-kura u kustodja ta' missierha l-konvenut, filwaqt meta l-atttrici tigi Malta ghal xi perijodu qasir, it-tifla tkun il-hin kollu fil-kura u kustodja taghha; u kkonfermat u estendiet biz-zmien l-inkariku tas-social worker Yvonne Mallia.

---

[12] Digriet 30 Ottubru 1998
[13] Vol.4 fols.418 – 419
[14] Vol.4 fol.436

Illi fis-7 ta' Settembru 1999 l-istess Yvonne Mallia pprezentat rapport "Dwar is-sitwazzjoni prezenti fir-rigward tal-minuri C E."[15] fejn, osservat li "s-sitwazzjoni prezenti hija wisq instabbli ghall-minuri.." stante li ommha kienet imsiefra ghal zmien indefenit; u kkonkludiet, inter alia, li "l-kura u kustodja tat-tifla tkun stabbli, u mhux mibdula perjodiament meta l-omm tkun Malta." u li l-parti li jkollha l-kura u kustodja jkollha s-setgha li tiehu decizjonijiet dwar l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri.

Fl-istess rapport, l-imsemmija espert osservat li l-minuri kienet qed thoss in-nuqqas ta' ommha li allura kienet tghix barra minn Malta, izda fl-istess hin kienet tinsab kuntenta ma' missierha. Ukoll li "il-minuri saret anqas anzjuza fil-konfront tal-missier, oppost ghal dak li kont nosserva fil-passat. C tidher li hi kuntenta ma' missierha, tirrelata tajjeb mieghu. Tul dan iz-zmien D [il-missier] jidher li hu taghallem jittratta ma' bintu, jqatta' hin jilghab maghha u jaghtiha l-attenzjoni necessarja."

Illi minn nota tad-difensur ta' l-attrici, allura l-Avukat Dottor Albert Libreri, prezentata fis-19 ta' Gunju 2000, jirrizulta li l-Imhallef sedenti dak iz-zmien kien talbu sabiex jghaddi lill-istess attrici, allura msiefra, is-segwenti messagg li l-minuri qaltlu li riedet twassal lil ommha. Dan il-messagg jaqra testwalment hekk: "I love her – I miss her – I want her back – I want her to stay with me and daddy – I want her to tell me where the dog Nuzza is – Father takes care of me and helps me – He loves me."[16]

Illi permezz ta' digriet[17] moghti fit-30 ta' Gunju 2000, il-Qorti, wara li rrevokat id-digrieti kollha precedenti rigwardanti l-kura u kustodja tal-minuri, ordnat, li "b'effett immedjat tafda l-kura u Kustodja tal-minuri C E f' idejn missierha.." u stabbiliet il-modalita' ta' l-access favur l-attrici u n-nanna materna. Ordnat ukoll li l-missier m' ghandux ikun fil-kumapnija ta' persuni ohra ta' sess femminili li ma jkunux membri tal-familja tieghu meta t-tifla

[15] Vol.3 fol.40
[16] F' dain l-okkazzjoni l-Qorti kienet semghet lill-minuri kameralment fil-prezenza ta' missierha. – Vol.4 fols.455-456
[17] Vol.4 fols.478-479

tkun qed torqod ghandu ; kif ukoll li l-minuri taht ebda cirkostanza m' ghandha tinhareg mill-Gzejjer ta' Malta. Ordnat ukoll li s-sitwazzjoni tal-minuri tibqa' tigi segwita minn haddiema socjali.

Illi f' rapport[18] prezentat fil-5 ta' Frar 2001, mis-Social Workers Cornelius Mulvaney, Dorianne Sultana u Roberta Agius, dawn ikkonkludew, inter alia, li "il-kura u l-kustodja [tal-minuri] ghandha tibqa' fdata f' idejn il-missier la darba l-omm tqatta' zmien twil fl-Awstralja fejn il-minuri ma tridx tmur." u ssuggerew wkoll li meta l-attrici tigi Malta, il-partijiet ghandhom jinghataw l-ghajnuna bil-ghan li jigi faclitat l-access u l-komunikazzjoni ta' bejneithom.

Illi fl-udjenza tatl-14 ta' Ottubru 2003, id-difensuri tal-partijiet, fi spirtu ta' tranzazzjoni, iddikjaraw li "id-difensuri jaqblu li l-kura u kustodja ghandha tkun f' idejn il-persuna li qed tghix Malta [bhal issa huwa r-ragel li qed jghix Malta peress li l-konvenuta tghix l-Awstralja]."[19]

Illi f' rapport prezentat mis-Social Worker Therese Micallef[20] fis-6 ta' Awwissu 2004, din osservat li l-mill-informazzjoni li hi gabret, il-minuri, allura tfajla ta' 11-il sena, kienet qeda tghix ma' missierha, ghalkemm, partikolarment fis-sajf, tqatta' hafna hin ukoll mal-familjari tieghu peress li hu jahdem. Tosserva li "C E hija tfajla li taf xi trid, taf xi ferraha u xi dejjaqha. Hija cara dwar dak li tixtieq. Hi thobb iz-zewg nahat tal-familja taghha; izda taf ukoll kemm qed jahdem missierha biex hi tkun kuntenta." Ukoll, li "jidher li l-minuri C E qed tghix hajja stabbli u b' rutina."[21] Fl-istess rapport, il-minuri esprimiet ix-xewqa li tiltaqa' ma' ommha u l-familjari taghha, purche' ma jitkellmux fuq missierha.

F' rapport ulterjuri[22] redatt mill-istess espert fis-27 ta' Jannar 2005, din osservat, inter alia, li "It seems that the relationship between C and her mother is growing in a

---

[18] Vol.4 fols.507
[19] Ghal din is-seduta deheru l-Avukat Dottor Noel Camilleri ghall-attrici [imsiefra], u l-konvenut assistit mill-Avukatessa Dottor Lorraine Schembri Orland – Vol.4 fol.558
[20] Nominata b' digriet tat-8 ta' Lulju 2004
[21] Vol.4 fols.586 *et seq.*
[22] Vol.4 fol.641 *et seq.*

positive manner, even though there may be some days when they do not agree on some topics.”

F’ rapport[23] ulterjuri prezentat fil-15 ta’ Novembru 2005, l-istess espert osservat, inter alia, li “aktar ma jghaddi z-zmien jidher li C mhiex qed tiddejjaq tiltaqa’ ma ommha. Jidher ukoll li r-relazzjoni ta’ bejn l-omm u t-tifla hija tajba hafna, fejn it-tifla qed turi bic-car li tixtieq tkompli tiltaqa’ m’ommha.”

Illi permezz ta’ digriet moghti fil-15 ta’ Frar 2005 fuq rikors ta’ l-attrici, din il-Qorti, wara li rat ir-rapporti ta’ l-imsemmija Therese Micallef, innominat lill-Avukatessa Dottor Ramona Frendo “bhala kuratrici tal-minuri f’ din il-kawza.”[24]

Illi fl-udjenza[25] tal-20 ta’ April 2005, l-imsemmija kuratur tal-minuri “informat lill-Qorti li t-tifla ghandha school concert u t-tifla xtaqet li f’ dan l-istadju jattendi missierha biss.” u f’ rapport[26] mahluf minnha fil-21 ta’ Gunju 2005, hija kkonfermat li l-missier ghandu jibqa’ jigi fdat bil-kura u kustodja tat-tifla, b’ access regolat favur l-omm.

Illi fl-udjenza tal-25 ta’ Mejju 2006, din il-Qorti, kif preseduta, akkordat lill-attrici access liberu, bil-fakolta’ li l-minuri, tenut kont ta’ l-eta’ taghha, tirrifjuta li tiltaqa’ m’ommha.

Illi f’ Mejju 2006[27] l-attrici rritornat Malta ghat-tul, u, wara rikors li fih talbet li tinghata l-kura u kustodja ta’ bintha, din il-qorti, wara li semghet lill-minuri kameralment u lill-Avukat tat-Tfal, ordnat, permezz ta’ digriet moghti fis-27 ta’ Lulju 2006, li provvizorjament it-tifla C tibqa’ tghix ma’ missierha, filwaqt li ffissat il-modalita’ ta’ access ghall-omm ; u rrizervat li tipprovdi defenittivament wara l-

[23] Vol.4 fols.625 *et seq.*
[24] Vool.4 fol.623
[25] Vol.4 fol.750
[26] Vol.4 fol.754 *et seq.*
[27] Vol.6 fol.1458 – Depozizzjoni attrici

prezentata tar-rapport tas-Social Worker Josette Camilleri minnha nominata bl-istess digriet.

Illi fl-4 ta' Awissu 2006, il-konvenut informa lil Qolrti li l-attrici u l-minuri dahhlu f' shelter ta' l-Agenzija Appogg, u talab li jinghata access ghal bintu u li "il-minuri tigi ritornata fil-kustodja [tieghu] kemm jista' jkun malajr."[28] Din it-talba giet milqugha, izda tenut kont tac-cirkostanzi, ordnat li "il-missier ikollu access ghat-tifla fl-prezenza tas-Social Worker Josette Camilleri, u dan stante li r-rapport ta' l-Agenzija Appogg dwar l-investigazzjoni ta' l-allegazzjoni ta' swat, ghadu ma giex prezentat."[29]

Illi b' nota[30] prezentata, fuq rikjesta tal-Qorti, fit-23 Awwissu 2006, l-imsemmija social worker informat lill-Qorti li l-minuri C flimkien ma' ommha l-attrici, ilhom jghixu fis-shelter mis-27 ta' Lulju 2006 ; filwaqt li l-konvenut gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] Bhala Qorti Istruttorja, fuq akkuzi[31] ta' vjolenza fil-konfront ta' bintu u ta' l-attrici ; u li kien inghata l-liberta' provvizorja bil-kundizzjoni li ma jersaqx lejn il-minuri.

Illi fuq rikorsi prezentati miz-zewg partijiet rigwardanti l-kura u kustodja tal-minuri u l-access, u wara li semghet ghat-tieni darba lit-tifla, din il-Qorti b' digriet moghti fit-2 ta' Jannar 2007, osservat u ddecidiet hekk : "[1] li fl-ahhar okkazjoni li fiha din il-Qorti kellmet lill-minuri din kienet ferm aktar rilassata fis-sitwazzjoni prezenti u ferma aktar kuntenta ; u [2] li rrispettivament minn fatturi ohra, din il-Qorti ma tara l-ebda pregudizzju ghall-minuri li dina tibqa' provvizorjament tghix ma' ommha l-attrici, multo magis, meta jirrizulta car li l-minuri hija kuntenta b' din is-sitwazzjoni, u tenut kont ta' l-oppozizzjoni qawwija li dina qeda timmanifesta sabiex ikollha kuntatt [sic] man-naha paterna ; anke in vista tal-proceduri kriminali pendenti. Ghaldaqstant f' dan l-istadju, u unikament fl-interess tal-minuri, tipprovdi billi, pendente lite [1] il-minuri C E tibqa'

[28] Vol.6 fol.1237
[29] Vol.6 fol.1248
[30] Vol.6 fol.1263
[31] Vol.6 fol. 1271 *et seq.*

fil-kura u kustodja provvizorjament ta’ ommha l-attrici ; u [2] li l-istess minuri tibqa’ tattendi l-iskola Santa Monica.”[32]

Illi permezz ta’ nota prezentata fil-21 ta’ Dicembru 2006, Agenzija Appogg informat lill-Qorti li, l-attrici flimkien mat-tifla, kienet telqet mis-shelter fejn kienu qed jirrisjedu ; u fl-udjenza[33] tas-17 ta’ Jannar 2007 l-attrici prezenti ddikjarat li qed tghix mal-minuri f’ post f’ tas-Sliema.

Illi f’ rapport mahluf mill-imsemmija Josette Camilleri fis-16 ta’ Jannar 2007, din l-espert analizzat u spjegat fid-dettal il-passat tal-minuri u kif dawn is-sitwazzjonijiet li ghaddiet minnhom, affettwaw b’ mod negattiv lill-minuri. Tghid ukoll li “sal gurnata ta’ llum it-tifla [allura tfajla ta’ 13-il sena] qeda tirrifjuta li tiltaqa’ mal-familjari jew hbieb tal-familja E. Tirrifjuta wkoll tibqa’ tattendi l-istess skola, fejn kienet tmur qabel, sabiex qatt ma titlaqa’ mal-kugini jew zijiet taghha. It-tifla tghid li trid tinsa l-passat u tibda hajja gdida.”[34]

Illi f’ rapport preliminari, mahluf fis-17 ta’ Jannar 2007, u prezentat mill-Agenzija Appogg li kienet giet inkarigata minn din il-Qorti sabiex tinvestiga l-allegazzjoni tal-minuri C E fis-sens li dina ilha zmien twil tigi msawta minn missierha, gie osservat, inter alia, li t-tifla xtaqet li tibda tghix m’ ommha fl-appartament f’ tas-Sliema, u li “qatt izjed ma tigi f’ kuntatt ma’ missierha u l-familja tieghu.”[35] u fl-istess rapport gie rakkomandat li “minhabba d-determinazzjoni u anke l-eta’ tal-minuri, l-Agenzija tirrakkomanda li [l-minuri] ma tigix sfurzata kontra l-volonta’ taghha”[36] li tiltaqa’ ma’ missierha.

Illi din il-Qorti, wara li semghet[37] ix-xhieda taz-zewg partijiet sabiex tiddeciedi dwar it-talba u x-xewqa tal-konvenut li jara lil bintu, u tigi riveduta l-kwsitjoni tal-kura u kustodja, nnominat fis-16 u fit-18 ta’ Lulju 2007 lill-Psikologa Klinika Carmen Sammut “biex taghmel

[32] Vol.6 fol. 1337
[33] Vol.6 fol.1456
[34] Vol.6 fol. 1446
[35] Vol.6 fol.1472
[36] Vol.6 fol.1481
[37] F’ zewg seduti mizuma fil-21 ta’ Gunju u fit-13 ta’ Lulju 2007 - Vol.7 fols.1571 *et seq.* u seduta mizmuma 4 ta’ Settembru 2007 – fol.1707

sessjonijiet mal-minuri bil-ghan li tigi stabbilita l-kawza vera tar-rottura mprovviza fir-relazzjoni ta' bejn it-tifla u missierha ; u tassisti lill-istess minuri biex tigi ristabbilita' relazzjoni tajba bejniethom, anke jekk dan ikun jinvolvi diversi sessjonijiet."[38]

Illi fir-rapport[39] prezentat mill-Avukat tat-Tfal fit-3 ta' Settembru 2007, l-Avukatessa Dottor Tatienne Cassar, wara li semghet lill-minuri, allura tfajla ta' kwazi 14-il sena, irrakkomandat li "in vista tax-xewqat tal-minuri jidher li l-kura u kustodja taghha tinghata esklussivament f' idejn ommha." u tkompli tirrakkomanda li "Huwa opportun li fil-prezent il-minuri ma tarax lil missierha, stante li ghada tinsab irrabbjata mieghu, u ghadha trawmatizzata ghal dak li sofriet meta kienet tghix mieghu. Ghall-futur, stante ukoll l-eta' tal-minuri, ghandu jithalla f' idejn C, jekk tridx tara lil missierha jew le."

Illi fir-rapport taghha mahluf  fit-22 ta' Ottubru 2007 l-imsemmija Psikologa Carmen Sammut, ikkonkludiet li [1] ".. ma hemm ebda dubju li fiz-zmien prezenti l-minuri C ma tixtieqx ikollha kuntatt ma' missierha ;  u li [2] Meta wiehed jikkunsidra l-isfond familjari ta' kif zviluppat il-hajja tal-minuri .... jista' jkun ta' hsara kbira jekk jigi njorat dak li qed tesprimi l-minuri dwar kif tixtieq hajjitha, u tigi sfurzata biex taghmel xi haga li hi tant tixtieq taghmel."  Tkompli billi tirrakkomanda "li l-minuri C ma tigix sfurzata li tiltaqa' ma' missierha sakemm hi ma tesprimix ix-xewqa li taghmel dan b' mod volontarju ghax dak jaghmel aktar hsara milli gid ghar-relazzjoni taghha ma' missierha."[40]

Illi fit-3 ta' April 2009 l-attrici pprezentat rikors fejn talbet l-awtorizzazzjoni sabiex it-tifla ssiefer maghha lejn l-Awstralja fi Frar 2010 biex din hemmhekk tibda u ssegwi kors ta' erba' snin li jwassal ghal Bachelor of Health Science – Naturopathy fi hdan is-Southern School of Natural Therapies li tinsab fl-Awstralja. Il-konvenut minn naha tieghu prezentata risposta fil-21 ta' April 2009, fejn

[38] Vol.7 fol.1692
[39] Vol.7 fols.1702-1703
[40] Vol.8 fol.1798

oggezzjoni ghal din it-talba ta' l-attrici, ghar-ragunijiet indikati fl-istess risposta.

Illi fl-udjenza tad-9 ta' Gunju 2009, il-partijiet ivverbalizzaw hekk : "Il-partijiet jaqblu u jitolbu li din il-Qorti taghti sentenza parzjali rigward it-talba u l-kontro talba relattivament ghal kura u kustodja tal-minuri C, u fl-istess sentenza taghti decizjoni dwar ir-rikors ta' l-attrici tat-3 ta' Frar [recte : April] 2009." kif ukoll sabiex din il-Qorti taghti decizjoni dwar it-talba tal-konvenut biex dana, anke fil-prezenza ta' Social Worker, ikellem lil bintu ; u ddiferiet il-kawza ghad-data ta' llum.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-prinicipju li ghandu jimpera fid-determinazzjoni tal-vertenza in dizamina, huwa dak li l-interessi tal-minuri huma supremi, u ghandhom jipprevali fuq dawk tal-genituri. Konformament din il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet u fatti fuq esposti, ghandha tara x' inhu l-ahjar l-interess tat-tifla C li llum ghandha kwazi sbatax [17]-il sena u li ghalhekk ghandha eta' li taghtiha grad ta' maturita' sufficjenti sabiex ix-xewqat taghha u d-decizjonijiet taghha, li jirrigwardaw il-futur taghha, jinghataw piz qawwi minn din il-Qorti.

Illi inizjalment it-tifla kienet giet fdata fil-kura u kustodja ta' ommha, izda f' Novembru 1998, din siefret u t-tifla eventwalment giet fdata, f' idejn il-konvenut.

Illi mill-provi jirrizulta car li fiz-zmien meta t-tifla kienet fil-kura u kustodja tal-missier u kienet tghix mieghu u anke mal-familjari tieghu, hija kienet tghid li kienet kuntenta, u anke li thobb lil missierha izda li kienet thoss l-assenza ta' ommha li f' dak iz-zmien kienet l-Awstralja. Din kienet l-istampa li kellha quddiemha din il-Qorti,[41] sostnuta mir-rapport tad-diversi esperti nominati.

Illi meta l-attrici rritornat Malta fit-tul f' Mejju 2006 l-istampa mbidlet ta' taht fuq, b' mod li l-minuri riedet tmur tghix ma' ommha, u riedet ukoll li taqta' kull kuntatt ma'

[41] Diversament presjeduta

missierha u mal-familjari tieghu, li maghhom hija kienet ghexet ghal certu tul ta'zmien. Din is-sitwazzjoni gdida, kif mistenni, skatenat bejn il-partijiet, kontestazzjoni aktar akuta minn ta' qabel, dwar il-kura u kustodja tat-tifla, bil-konvenut jitlob b' mod insistenti li jkollu access ghal bintu li minn naha taghha kienet qeda tirrifjuta li tiltaqa' mieghu.

Inizjalment, tenut kont ta' l-istampa pozittiva li kienet qeda tinghata, anke mill-minuri stess, dwar ir-relazzjoni tajba li din kellha ma' missierha, din il-Qorti f' dak iz-zmien kellha rizervi kbar kemm din kienet il-vera xewqa tat-tifla, u gustament din il-Qorti kellha s-suspetti taghha dwar influwenza ndebita minn naha ta' l-attrici fuq it-tifla kontra missierha. Izda ftit wara, bdew isiru allegazzjonijiet mill-attrici u l-minuri ta' abbuz fiziku u psikologiku da parti tal-konvenut fil-konfront taghhom, u anke gew istitwiti proceduri kriminali li fil-pendenza taghhom il-konvenut kien obbligat li ma jersaqx lejn it-tifla tieghu.

Konsegwenzjalment din il-Qorti fit-2 ta' Jannar 2007, tenut kont tas-sitwazzjoni prevalenti, kif ukoll tax-xewqat tal-minuri kif espressi lilha direttament, hasset li kien fl-interess tal-minuri li dina tibqa' tghix ma' ommha l-attrici, minghajr access favur il-missier ; u nkarikat lill-Agenzija Appogg sabiex jaghmlu l-investigazzjonijiet necessarji u lis-social worker Josette Camilleri sabiex jaghmlu rapport fuq is-sitwazzjoni ; u nkarigat ukoll lill-Psikologa Klinika Carmen Sammut biex tkellem il-minuri u tirrelata dwar is-sitwazzjoni.

Izda l-minuri baqghet issostni l-pozizzjoni taghha, fis-sens li riedet tibqa' tghix ma' l-omm, minghajr kuntatt mal-missier, u aktar ma beda jghaddi z-zmien u bdiet tikber, aktar sahhet din il-pozizzjoni taghha.

Illi fit-tielet kollokju li din il-Qorti kellha mat-tifla, allura tfajla ta' kwazi 17-il sena, il-Qorti rat quddiem tifla matura, intelligenti u b' determinazzjoni qawwija li tmur l-Awstralja ma' ommha u ssegwi kors akkademiku hemmhekk ; filwaqt li, nonostante l-isforzi ta' din il-Qorti biex almenu qabel ma titlaq, it-tifla tiltaqa' ma' missierha, anke fil-prezenza ta' social worker nominata appozitament minn

din il-Qorti, il-minuri baqghet tirrifjuta li jkollha xi forma ta’ kuntatt ma’ missierha.

Il-premess wassal lil din il-Qorti ghal-fehema li, irrispettivament minn dak li sehh fil-passat, il-pozizzjoni llum hi fis-sens li interessi tal-minuri jezigu li jintlaqa’ dak mixtieq minnha u dak deciz minnha, u cioe’ li l-kura u kustodja taghha tigi fdata lil ommha, minghajr access jew kuntatt favur il-missier jekk mhux bil-kunsens espress tal-minuri, u li l-omm tigi awtorizzata ssiefer mal-minuri lejn l-Awstralja sabiex din tkun tista’ ssegwi kors akkademiku hemmhekk. Il-konkluzjonijiet tal-Psikologa Carmen Sammut, kontenuti fir-rapport taghha tat-22 ta’ Ottubru 2007, japplika b’ izjed qawwa llum li l-minuri hija sentejn akbar, u mhux biss konfort, izda jiffortifikaw, id-decizjoni ta’ din il-Qorti,

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar it-talba numru tnejn [2] ta’ l-azzjoni attrici, u t-talba numru tlieta [3]. tal-kontro talba tal-konvenut, billi tafda l-kura u kustodja tal-minuri C E lill-attrici ommha; b’ access favur il-missier soggett ghall-kunsens espress tal-minuri; u tawtorizza lill-istess attrici ssiefer ma’ l-imsemmija minuri fi Frar 2010 lejn l-Awstralja biex it-tifla tkun tista’ tibda u s-segwi hemmhekk il-kors fuq indikat.

L-ispejjez tal-gudizzju odjern ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------